MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 196/2013

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**C D, f'isimha proprio**
**u permezz tad-digriet datat 30 ta' Settembru 2013**
**giet nominata bhala kuratrici ad litem tal-minuri E B**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat, ipprezentat fil-20 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi fis-sena 2000 kellu relazzjoni mal-intimata C D;

2. Illi sussegwentement fil-24 ta' April 2001, l-intimtata C D welldet lil minuri E;

3. Illi billi l-esponent kien minn ghalih li l-minuri E huwa ibnu, huwa rrikonoxxieh bhala tali permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Antoine Agius tal-15 ta' Lulju 2004 u b'hekk il-minuri sar maghruf bhala E B, kif jidher mic-certifikat tat-Twelid tieghu;

4. Illi issa l-esponent sar jaf li l-minuri E B mhuwiex il-wild naturali tieghu, u dan jinsab konfermat ukoll bir-rizultati ta' testijiet xjentifici;

5. Illi l-esponent ghalhekk ghandu interess li, fit-termini tal-artikolu 99 tal-Kodici Civili, l-minuri E B jigi dikjarat li mhuwiex il-wild naturali tal-esponent u li konsegewentement isiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid tieghu mill-intimat l-iehor Direttur tar-Registru Pubbliku;

Ghaldaqstant talab lil din il-Qorti sabiex, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li tista' tirrizulta mehtiega:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti mhuwiex il-missier naturali tal-minuri E B li twieled mill-intimata C D fil-24 ta' April 2001;

ii. konsewgwentement tordna lill-intimat l-iehor Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkancella d-dettalji tal-esponent minn kull fejn jidhru fl-att tat-twelid tal-istess E B li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni elf sitt mija hans u erbghin tas-sena elfejn u wiehed (1645/2001), fosthom billi jigu kancellati s-segwenti kelmiet mill-kolonna intestata 'Annotazzjonijiet';

'Annotation Date: 21/7/2004
ACKNOWLEDGED - DEED NOT .A. AGIUS 15/7/2--4
change of father:
Father's to be called changed to: A
Father's current surname changed to: B
Profession, trade or other status: DESIGNER
Age: 21
Father's place of birth changed to: ATTARD MALTA
Father's residence changed to: VALLETTA MALTA
Paternal father name: ALFRED
Paternal father surname: B'

u jsiru dawk il-korrezzjonijiet, zidiet u/jew annotazzjonijiet ohra li din il-Qorti jidhrulha opportuni sabiex il-konnotati tal-esponent A B ma jibqghux jidhru fl-istess att tat-twelid.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku tad-dokumenti;

Rat id-digriet taghha fejn C D giet nominata bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri E B;

Rat ir-risposta guramentata[1] tad-Direttur Tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ssottometta:

1. illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri, illi l-intimata C D tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri E B tal-inqas ikun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definitittiv liema kunjom ghandu jassumu l-minuri E B a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li tintlaqa' it-tielet ecccezzjoni ta' l-esponent, l-esponenet jinvita lill-missier naturali tal-minuri E B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identita', (3) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri E B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel E B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit E B bin-numru ta' regsistrazzjoni progressiv 1645 ta' 2001;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li qieghidn jigu ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota[2] ta' l-konvenuta C D fejn ikkonfermat l-fatti ddikjarati mill-attur A B u ddikjarat li ma toggezzjonax ghat-talbiet imressqa mill-istess attur A B;

Rat l-afffidavit[3] ta' Christopher Farrugia li bhala Konsulent tax-xjenza Forensika iddikjara li ippreleva kampjuni orali minn fuq l-attur, fuq C D u minn fuq il-minuri E B fil-prezenza tax-xulxin.

[1] a folio 21
[2] a folio 25

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNAipprezentat , u l-konferma tieghu mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat:

**l-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel E B li twieled mill-konvenuta C D fil-24 ta' April 2001 u rikonoxxut mill l-attur permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Antoine Agius tal-15 ta' Lulju 2004 fuq l-att tat-twelid numbru 1645/2001, mhuwiex fil-fatt it-tifel naturali ta' l-attur; u ghalhekk qed jitlob korrezzjoni fl-imsemmi att tat-twelid. Minn naha taghha l-konvenuta C D qeda taqbel ma' dawn it-talbiet.

**Konsiderazzjonijiet**
**Arikolu 99** *tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi ''l-att li bih jigi mgharuf tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.'*

Il-prova xjentifika tissodisfa dak rikjest bl-Artikolu 100A li jipprovdi illi:

**Arikolu 100A:** '*F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista' minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi tehtieg lill-partijiet biex jissottomettu ghal examijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi.'*

Fil-kaz odjern l-attur qieghed jattakka d-dikjarazzjoni maghmula minnu stess fejn irrikonoxxa bhala wild tieghu il-minuri E, dikjarazzzjoni li mill-provi imressqa matul din il-kawza tirrizulta bhala li ma tirriflettix il-verita'.

Ir-rapport tal-ispizjara Marisa Cassar huwa l-ahjar prova li l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri E B.

Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi hi tal-fehma li gie adegwatament ippruvat illi l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri E B u ghalhekk it-talbiet tal-attur jisthoqq li jigu akkolti.

Ikkonsidrat illi meta l-attur ghogbu fis-sena 2004 jiddikjara ruhu missier il-minuri E, il-minuri assuma kunjom l-attur u cioe' il-kunjom "B". Illum il-minuri ghandu l-eta' ta' tlettax-il sena u jgib il-kunjom "B".

---

[3] a folio 28

Illi l-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi inter alia illi f'kazijiet simili ghal dawk in dizamina, il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni illi tordna li l-persuna li l-att tat-twelid taghha jkun il-mertu ta' kawza ta' denegata paternita', tista' tigi awtorizzata li zzom il-kunjom li kienet iggib sa dakinhar. Ma jirrizultax li fil-kaz odjern tali decizzjoni ser johloq xi pregudizzju li xi hadd. Il-Qorti hija tal-fehma li jkun fl-interess tal-minuri li jzomm il-kunjom B.

Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kien halla tlett snin jghaddu mit-twelid tal-minuri qabel ma resaq fuq kuntratt ta' rikonoxximent. Ghaliex dam tlett snin ma inghatat ebda spjegazzjoni. Ghaddew ghaxar snin u isssa ipproceda sabiex ismu jerga' jitnehha minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti il-htiega li tigi intavolata l-kawza odjerna hija rizultat tad-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent li kien ghamel l-attur. Ghalhekk huwa indikat illi ghall-ispejjez ta' din il-kawza jaghmel tajjeb l-istess attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi taqta' din il-kawza billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut direttur, takkolji t-talbiet attrici:

i. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur ma hux il-missier naturali tal-minuri E B li twieled mill-intimata C D fil-24 ta' April 2001;

ii. Tilqa' t-tieni talba, tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkancella d-dettalji tal-attur minn kull fejn jidhru fl-att tat-twelid tal-minuri E B li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni elf sitt mija hamsa u erbghin tas-sena elfejn u wiehed (1645/2001), fosthom billi jigu kancellati il-konnotazzjonijiet kollha tal-attur u minflok jitnizzlu l-kliem 'missier mhux maghruf'.

iii. Tordna li l-minuri E jibqa' jkun maghruf bil-kunjom "B".

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn l-attur u l-konvenuta C D proprio et nomine filwaqt li l-ispejjez tal-konvenut Direttur huma a kariku tal-attur.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------